# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 340/2021JPG**

**Kawza Numru : 14**

**MM**

**vs**

**CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MM, datat 4 t'Awwissu 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremettiet hekk:

*Illi hija zzewwget lil intimat CC, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0491383(M), fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) gewwa Villa Mdina, in-Naxxar, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tlieta, erbgha, hamsa, sebgha zbarra elfejn u tmintax (3457/2018), u dan kif jirrizulta minn kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.A;*

*Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni li kien gie ippubblikat minn Nutar Dottor Francesca Micallef Sammut fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok.B;*

*Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin;*

*Illi mill-imsemmi zwieg l-istess partijiet kellhom tifel bl-isem BCM u l-istess wild qieghed jircievi manteniment adegwat fil-konfront tieghu u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligu ta' manteniment gie effettivament regolat fl-istess Kuntratt ta' firda personali ippubblikat u konsegwentament ma tezisti ebda kwestjoni f'dan ir-rigward;*

*Illi r-rikorrenti iddiskutiet mal-konsulent legali taghha, hawn sottofirmata, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkludiet li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;*

*Illi fl-istess Kuntratt ta' Separazzjoni senjatament fi klawsola numru disgha u tletin (39) il-partijiet iddikjaraw li huma ilhom de facto separati mit-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019), u ghalhekk illum il-gurnata l-konjugi ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta' jew perjodi li jammontaw ghal aktar minn sena mis-sentejn precedent ghal bidu tal-proceduri odjerni;*

*Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.*

***Ghaldaqstant** ir-rikorrenti MM titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*a) Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwenti tippronunzja l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi; u*
*b) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' CC (Fol 32) fejn iddikjara li ma ghandux aktar provi x'jipproduci jew trattazzjoni x'jaghmel u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MM xehdet** (vide fol 26) l-kontendenti izzewwgu fis-17 ta' Novembru 2018. Dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min Nutar Dottor Francesca Micallef Sammut datat l-1 ta' Marzu 2021. L-attrici tiddikjara li l-partijiet rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin; Tixhed li minn dan iz-zwieg twieled tifel u li qieghed jircievi manteniment adegwat minghand zewgha u dan skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni. Tghid li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikoncilazzjoni bejniethom stante li ilhom separati de facto mit-2 t'Awwissu 2019.

**CC xehed** (vide affidavit fol 39) u kkonferma u kkorrabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Novembru 2018, liema zwieg jgib c-certifikat numru 3457/2018 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3); u li minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minuri.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-1 ta' Marzu 2021 fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Micallef Sammut (vide Dok

B, a fol 4 et seqq.). Jirrizulta illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa mit-2 ta' Awwissu 2019. Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 3457/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**